# Skola tal-Bizzilla f'Ħaż-Żebbuġ

minn Lorenzo Zahra

Fl-imgħoddi x-xogħol tal-bizzilla għal bosta u bosta snin kien baqa' fostna bħala industrija ewlenija. Il-bizzilla ta' Malta maħduma bl-idejn, sa nofs is-seklu li għadda jiġifieri s-seklu 20 meta Malta kienet bażi militari u navali, kienet meqjusa bħala industrija żgħira.

U sa ftit ilu l-Gvern kien wera li ried mill-ġdid iħarreġ żgħażagħ f'din il-ħidma biex dak l-isem li kien inkiseb fl-imgħoddi bħallikieku jerġa' jieħu l-ħajja. Kellna għalhekk lezzjonijiet organizzati fl-iskejjel biex in-nisa jitgħallmu jaħdmu dan l-artiġġjanat. Niftakar lil Miss Doris Mifsud u lil Miss Elsie Zahra fi Skola Sekondarja li min jaf kemm tfajliet ħarrġu f'dan l-artiġjanat għax bla dubju x-xogħol tal-bizzilla huwa artiġġjanat li jirrikjedi s-sengħa. Naraw sal-lum li l-bizzilla maħduma fostna hija parti mill-patrimonju li għadna ngħożżu.

Kien żmien il-Gvernatur Le Marchant u l-Isqof Sant li kellhom it-tmexxija tal-gżejjer. Kienet il-ħabta meta kellna żjara rjali tal-Prinċep ta' Wales li kien milqugħ b'ċelebrazzjonijiet kbar, żmien sabiħ minkejja l-faqar u l-mard li spiss kien jaħkem. Kien f'dak iż-żmien li bdiet kampanja ta' skejjel għat-tagħlim u hawn kien indaħal ukoll l-Isqof Sant li ħadem biex jinfetħu l-iskejjel tal-bizzilla għat-tfajliet. Iva dawn bdew l-ewwel fl-Imdina u f'Ħaż-Żebbuġ.

Kien bis-saħħa ta' dan l-Isqof li f'Ħaż-Żebbuġ fetħet l-iskola li tmexxiet minn W. Strickland u sabet l-għajnuna ta' C.M. Muscat u tas-Sur Trevisan u xi oħrajn li malajr middew għonqhom għal din il-ħidma. Iż-Żebbuġin attendew bi ħġarhom tant li l-attendenza laħqet madwar mija u ħamsin tfajla f'din is-sengħa tal-bizzilla. L-iskola l-oħra fl-Imdina, ukoll għamlet suċċess bl-għajnuna tas-Sindku Chappell; fiha attendew madwar sebgħin mara kollhom entużjażmu biex jitgħallmu dax-xogħol tal-idejn tant fin u sabiħ.



Kostumi tal-Imgħoddi bil-bizzilla

Hekk din is-sengħa tal-bizzilla bl-idejn bdiet issir popolari u xterdet mal-gżejjer Maltin. Inħadmu ħafna affarijiet sbieħ b'xogħol irfinut u mill-aqwa. Malajr qabdet l-art u kisbet suq tajjeb. Għal bosta snin kienet popolari u mfittxija ħafna; saret tissejjaħ Bizzilla ta' Malta. Kien hawn żmien meta kienet tiġi esportata lejn xi pajjiżi li fihom ma kinetx tinħadem. Kienet saret moda u allura ngħatat, min jaf għal kemm-il darba, bħala rigal prestiġjuż.

It-tradizzjoni tal-bizzilla f'Malta tmur lura sa żmien il-kavallieri. Dak iż-żmien kienet diġà ġiet żviluppata fl-Ewropa u daħlet f'Malta ma' merkanzija oħra importata. Il-bizzilla minn pajjiżi barranin intgħoġbot ħafna mill-Maltin, li raw kif għamlu biex jitgħallmu jaħdmu bħalha.

Kull pajjiż għandu l-istil partikolari tiegħu fejn tidħol il-bizzilla, u maż-żmien il-Maltin ukoll


Nisa jaħdmu l-bizzilla

evolvew l-istil tagħhom, li jingħaraf minn dak ta' pajjiżi oħrajn. Fi żmien il-kavallieri l-bizzilla Maltija kienet diġà ta' livell għoli, kif tixhed il-pittura tas-seklu 18 ta' Antoine Favray li tinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti u li turi sinjura nobbli qed taħdem il-bizzilla fid-dar tagħha. L-istil tad-disinn tal-bizzilla Maltija fi żmien il-kavallieri kien differenti minn dak tal-lum. Waħda mir-raġunijiet ghal dan kienet li maż-żmien il-ħajt ħxien u għalhekk id-disinn ma baqax fin daqs qabel.

Fil-bidu tas-seklu 18 f'pajjiżna kienet diġà tinħadem bizzilla fina li kienet tiġi esportatata lejn diversi pajjiżi, fosthom il-Portugal. Matul is-sentejn tal-ħakma Franċiża x-xogħol tal-bizzilla ħa daqqa ta' ħarta iżda wara l-miġja tal-Ingliża reġa' beda jieħu r-ruħ bil-mod il-mod. Fl-1833 Lady Hamilton Chichester tat kontribut importanti biex ix-xogħol tal-bizzilla jiġi rxoxtat. Fis-seklu 19, il-bizzilla Maltija kienet fl-aqwa tagħha. Fis-snin 1851 u 1862 Malta ħadet sehem fil-Great London Exhibition bil-bizzilla tagħha, li ġiet innotata għall-ġmiel u l-finezza tagħha. Fil-wirja tal-1862 wieħed mill-esebiti Maltin kien xall iswed li nxtara għas-somma ta' £52 mill-Prinċipessa Alice bħala parti mid-dota tagħha.

Lejn nofs is-seklu 19 f'Malta u Għawdex kien hawn diversi skejjel tal-bizzilla, fosthom dik ta' Dun Salv Bondì u dik ta' Dun Ġużepp Diacono. F'dawn l-iskejjel l-irġiel kienu jfasslu d-disinji filwaqt li n-nisa kienu jagħmlu x-xogħol proprju tal-bizzilla. Dun Ġużepp






Patrimonju



Diacono b'mod partikolari ġab il-bizzilla 'l quddiem ħafna u jingħad li fi żmienu f'Għawdex biss kien hemm mas-6000 mara jaħdmuha. Jingħad ukoll li nhar Santa Marija lil dawn in-nisa kienu jidħlulhom ordnijiet biżżejjed biex ikollhom xogħol għal sena sħiħa.

L-għodda bażika tikkonsisti fi trajbu, ċombini, labar u ħajt. It-trajbu tradizzjonali jkun magħmul mit-tiben, li jintrabat sew u jinkesa - l-ewwel bi xkora u mbagħad bil-*brown paper*. It-trajbu tista' tagħmlu int jew tixtrih lest, iżda biex tagħmlu trid tkun tas-sengħa. Ikun twil madwar 24 pulzier iżda l-ħxuna tiegħu tvarja skont il-wisa' tal-bizzilla li trid issir.

It-trajbu tradizzjonali Malti għandu forma ċilindrika, b'isfel irqaq minn fuq, u hu simili għal dak ta' Spanja. F'pajjiżi oħra jintuża trajbu b'forma ċatta jew forma ta' romblu mimdud. It-trajbu mimdud dari ġieli ntuża fil-gżejjer Maltin ukoll.

Iċ-ċombini, min-naħa l-oħra, ikunu magħmulin minn diversi tipi ta' njam, għalkemm dari kienu jsiru wkoll mill-avorju u mill-għadam. Illum issib tixtri kemm ċombini ġodda kif ukoll ċombini antiki mingħand xi regettier.

Qabel ma tibda taħdem, ikollok bżonn ix-xempju, jiġifieri d-disinn li se jiggwidak int u taħdem. Dan jitwaħħal fuq it-trajbu. Meta jibda jinħadem id-disinn, jitwaħħlu l-labar u wara li tkun kebbibt il-ħajt maċ-ċombini tibda ddendel mal-labar u tifforma d-disinn bil-ponti u bil-labar.

Il-bizzilla trid il-ħin biex tinħadem u l-prezz tagħha hu dovut parzjalment għal dan il-fatt. Kemm iddum biex titlesta biċċa xogħol jiddependi mill-wisa' u l-finezza tagħha. Biex nagħtu eżempju, pied bizzilla fina wiesa' sitt pulzieri kapaċi tieħu bejn 25 u 30 siegħa biex titlesta. Jekk ħaddiem medju jitħallas b'rata ta' Lm2 għal kull siegħa xogħol, dan ifisser li pied minn din il-bizzilla jiġi jiswa bejn wieħed u ieħor Lm50.

Rigward il-ħajt, tradizzjonalment il-bizzilla tinħadem bl-għażel, bil-ħarir jew bil-qoton. L-ilwien li soltu jintużaw fix-xogħol tal-bizzilla huma l-abjad, l-iswed u lewn il-krema. Għalkemm fis-seklu 19 insibu eżempji ta' bizzilla b'kuluri oħra, din aktarx ma kinitx adattata ħafna għal dawk iż-żminijiet, meta n-nies kienu jħobbu jilbsu l-iżjed l-iswed jew l-abjad. Illum il-Klabb tal-Bizzilla Maltija qed iħajjar l-użu ta' aktar kuluri fix-xogħol tal-bizzilla, kif ukoll il-ħolqien ta' disinni moderni adattati għaż-żminijiet tal-lum biex il-bizzilla tkun tista' tintuża f'għażla wiesa' ta' oġġetti moderni, bħal ġiżirajjen u basktijiet.

**Referenza**
Il Messaggero Popolare 15-01-1863

**Nota:**
Tagħrif miżjud (mis-sors http://drawwiet.webs.com/artiggjanat.htm)